## QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-26 ta' April 2002**

**Citazzjoni numru 2619/97 GC**

**Maltacom plc**

**vs**

**Vincent Tonna**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 319347 fil-fond 'Cotton Club', Dragon Road, Paceville, u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-'service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess 'service agreement ' il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm1449.53 (elf, erba mija u disa u erbgin lira maltin u tlieta u hamsin centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, overseas calls, telephone set, kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma' kif jirrizulta mill-anness 'statement'immarkat bhall dokument B;

Illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1) tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta'LM 1449.53 (elf, erba mija u disa u erbghin lira maltin u tlieta u hamsin centezmi) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, telephone set, overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera tal-linja in konessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-16 ta'Mejju 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta'eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi in linea prliminari l-azzjoni hija preskritta;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent kien biegh il-fond 'Cotton Club' Dragonara Road, Paceville fil-1993 lis-socjeta Overseas Trading Company Limited;

Illi huwa l-kaz li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' Overseas Trading Company Limited;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presejeduta) tas-17 ta' frar 1999 li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta Overseas Trading Company Limited;

Rat li s-socjeta kjamata fil-kawza debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2002;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' elf, erba mija u disa u erbghin liri maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm1449.53) liema somma hi dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 319347, installat mis-socjeta attrici, fuq talba tal-konvenut, fil-fond mgharuf bhala "Cotton Club" gewwa Paceville;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li kien il-konvenut li talab li jigi installat dan is-servizz, li l-konvenut kien il-konsumatur registrat ghar-rigward tal-istess servizz fiz-zmien in kwestjoni u li l-imsemmi ammont hu effettivament dovut;

Il-konvenut fl-ewwel lok qed jeccepixxi li din l-azzjoni hi preskritta. Din l-eccezzjoni mhux ser tigi ulterjorment esaminata stante li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu hi bbazata l-istess eccezzjoni. Ghalhekk din l-istess eceezzjoni ghandha tigi michuda;

Fit-tieni lok il-konvenut qed jeccepixxi li hu kien biegh il-fond fejn kien hemm installata l-linja tat-telefon in kwestjoni lis-socejta kjamata fil-kawza Overseas Trading Company Limited. F’dan ir-rigward il-konvenut esibixxa kopja ta’ kuntratt tat-12 ta’ Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin (fol.20 sa 21). Zgur li minn dan il-kuntratt ma jirrizultax dak li allega l-konvenut u cioe' li hu ttrasferixxa l-fond in kwestjoni lis-socjeta kjamata fil-kawza;

Fl-imsemmi kuntratt is-socjeta kjamata fil-kawza u socjeta ohra, Night Owl Limited, li ghaliha deher il-konvenut Tonna, ghamlu referenza ghal dak li huma sejhu bhala "konvenju" li kien sar precedentement u ddikjaraw li f'dak il-"konvenju" kienet giet terminata xi lokazzjoni tal-fond in kwestjoni f'din il-kawza. Il-konvenut naqas li jipproduci kopja tal-imsemmi "konvenju" u ghalhekk ma jirrizultax xi ftehim sar mill-partijiet ghall-istess "konvenju". Li hu zgur hu li l-konvenut proprio ma kienx parti fl-imsemmi kuntratt tat-12 ta' Lulju 1993;

Il-konvenut xehed f'dawn il-proceduri u qal li huwa kien kera l-fond in kwestjoni minnghand is-socjeta kjamata fil-kawza. Huwa qal li kien igestixxi l-fond bhala ristorant sa Dicembru 1992 meta giet terminata l-lokazzjoni. Il-konvenut naqas li jipproduci provi ohra sabiex jikkonferma dan kollu. Barra minn hekk jista jinghad li dak li qal il-konvenut jikkontrasta ma rizultanzi ohra;

Ghalhekk dak kollu li gie allegat mill-konvenut ma jirrizultax sufficjentement pruvat. Lanqas ma jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta kjamata fil-kawza hi b'xi mod responsabbli sabiex thallas is-somma mitluba jew xi parti minnha;

In vista ta' dan kollu t-talbiet kollha tas-socjeta attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenut, pero' mhux fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza. Jista ukoll jigi rilevat li l-konvenut stess ammetta li ma kienx informa lis-socjeta attrici li huwa allegatament kien telaq mill-fond in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera s-socjeta kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizju, billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenut u tikkundanna lill-istess konvenut Tonna jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf, erba mija u disa u erbghin liri maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm1449.53) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, telephone set, overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera tal-linja in konessjoni mas-servizz telefoniku numru 319347, installat mis-socjeta attrici, fuq talba tal-konvenut, fil-fond mgharuf bhala "Cotton Club" gewwa Paceville u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni;

Spejjez kollha, komprizi dawk tal-kjamata fil-kawza, kontra l-konvenut.